31997F0339

L 147/1 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 5.6.1997

# AZZJONI KONĠUNTA
## tas-26 ta' Mejju 1997 adottata mill-Kunsill a bażi ta' l-Artikolu K3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar koperazzjoni fuq iż-żamma ta' l-ordni u s-sigurtà

(97/339/ĠAI)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu K.3 (2) (b) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizzjattiva tar-Renju ta' l-Olanda,

Konxju illi taħt l-Artikolu K 1(9), l-Istati Membri iqisu l-koperazzjoni tal-pulizija bħala materja ta' interess komuni;

Billi, sabiex jitkompla x-xogħol fuq inizzjattivi preċedenti, b'mod partikolari fir-rigward ta' vandaliżmu marbut mal-futbol, għandhom isiru sforzi sabiex il-koperazzjoni fuq iż-żamma ta' l-ordni u s-sigurtà titwessa' u tissaħħaħ;

Billi huwa meħtieġ li jsiru arranġamenti aktar dettaljati għall-koperazzjoni fir-rigward ta' attivitajiet fis-sens wiesgħa tal-kelma, jiġifieri attivitajiet li għalihom jattendu numru kbar ta' nies minn aktar minn Stat Membru wieħed, u fl-liema attivitajiet il-preżenza tal-pulizija hija primarjament immirata sabiex iżżomm l-ordni u s-sigurtà u sabiex timpedixxi reati kriminali;

Billi dawn it-tip ta' attivitajiet jinkludu attivitajiet sportivi, kunċerti ta' mużika rock, dimostrazzjonijiet u kampanji ta' protesti li jagħlqu t-toroq, iżda jista' jkun hemm bżonn ta' koperazzjoni dwar materji relatati bħal per eżempju l-għassa ma' u l-protezzjoni ta' persuni u proprjetà;

Billi, minbarra Stati Membri ġirien, huwa possibli li Stati Membri li ma humiex ġirien u Stati Membri ta' transitu, jkunu involuti f'din il-koperazzjoni;

Billi skambju ta' informazzjoni dwar gruppi ta' persuni li jistgħu jkunu ta' perikolu għaż-żamma ta' l-ordni u s-sigurtà f'diversi Stati Membri, kif ukoll l-issekondar ta' uffiċjali ta' koperazzjoni u l-koperazzjoni bejn organi ċentrali għandhom parti x'jilgħabu f'din il-koperazzjoni;

Billi din l-azzjoni konġunta hija immirata sabiex tissupplimenta arranġamenti bilaterali u multilaterali eżistenti u ma tippreġudikax koperazzjoni aktar fil-qrib bejn Stati Membri,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni lill-Istati Membri konċernati, kemm jekk din l-informazzjoni tkun mitluba kif ukoll jekk le, jekk gruppi imdaqqsa li jistgħu jkunu ta' perikolu għaż-żamma ta' l-ordni u s-sigurtà jkunu qed jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor sabiex jieħdu sehem f'attivitajiet. Din l-informazzjoni għandha tingħata, fi stadju kemm jista' jkun kmieni, lill-Istati Membri kollha konċernati, kemm jekk huma Stati Membri ġirien u kemm jekk le, u inklużi Stati Membri ta' transitu.

2. Din l-informazzjoni għandha tinkludi d-dettalji kollha possibli dwar:

(a) il-grupp in kwistjoni:

— il-komposizzjoni ġenerali,

— in-natura tal-grupp (jekk huwiex aggressiv u jekk hemmx xi riskji ta' rvelli);

(b) ir-rotot u l-postijiet ta' waqfien li se jintużaw;

(ċ) mezzi ta' trasport;

(d) kull informazzjoni oħra rilevanti;

(e) il-kredibbiltà ta' l-informazzjoni.

L-informazzjoni li għandha tiġi ipprovduta għandha tingħata skond il-liġi nazzjonali.

*Artikolu 2*

1. L-Istati Membri jistgħu jibgħatu uffiċjali ta' koperazzjoni fi Stati Membri oħra li jkunu għamlu talba għalihom. L-uffiċjali ta' koperazzjoni għandhom jagħtu pariri u joffru l-assistenza tagħhom. Huma ma għandu jkollhom l-ebda poter u ma jistgħux

ikunu armati. Huma għandhom jipprovdu informazzjoni u jwettqu l-kompiti tagħhom skond l-istruzzjonijiet maħruġa mill-Istat Membru tagħhom u skond linji ta' gwidi maħruġa mill-Istat Membru li kienu issekondati miegħu. L-Istat Membru li qed jilqa' dawn l-uffiċjali għandu jassigura illi dawn l-uffiċjali jkunu protetti.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li qed jilqa' dawn l-uffiċjali għandhom jiddeterminaw l-attivitajiet li jistgħu jieħdu sehem fihom l-uffiċjali ta' koperazzjoni. L-uffiċjali ta' koperazzjoni għandhom isegwu l-linji ta' gwida maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu 3*

Sabiex tiġi mħeġġa l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri permezz ta' l-organi ċentrali kompetenti, għandhom isiru l-arranġamenti li ġejjin:

(a) f'kull rebbiegħa, il-Presidenza għandha torganizza laqgħa għall-kapijiet ta' l-organi ċentrali responsabbli miż-żamma ta' l-ordni u s-sigurtà sabiex jiddiskutu materji ta' interess komuni;

(b) id-dettalji dwar dawn l-organi ċentrali għandhom jiġu aġġornati kull rebbiegħa permezz tal-Presidenza (ara l-Anness). L-organi ċentrali għandhom jinfurmaw lil xulxin jekk issir xi bidla bejn laqgħa u oħra;

(ċ) sabiex isiru jafu l-organizzazzjoni ta' xulxin, il-kapijiet ta' l-organi ċentrali għandhom jinkoraġġixxu ż-żamma ta' eżerċizzji, skambji u issekondar għal taħrig għall-impjegati tagħhom

*Artikolu 4*

Din l-azzjoni konġunta għandha tiġi ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

Hija għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara din il-pubblikazzjoni.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Mejju 1997.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

W. SORGDRAGER

*ANNESS*

L-organi ċentrali għandhom jagħtu lil xulxin, darba fis-sena jew, meta jkun hemm xi bidliet, aktar spiss, id-dettalji li ġejjin:

Stat Membru:

L-isem ta’ l-organu ċentrali:

L-isem ta’ l-awtorità (eż: Ministeru):

L-indirizz:

In-numru (jew numri) tat-telefon:

In-numru (jew numri) tal-fax

L-indirizz ta’ l-e-mail:

L-uffiċċju ta’ koperazzjoni:

L-ismijiet tal-kuntatti:

L-ilsna mitkellma (minbarra l-ilsien (jew l-ilsna) nazzjonali):